MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 6/2006

**Bernard Brincat u martu Louise-Anne bħala kuraturi legali ta' binthom minuri Sarah Brincat**

***Versus***

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

F'din il-kawża l-ġenituri f'isem binthom minorenni qegħdin jitolbu korrezzjoni fl-att ta' twelid tagħha.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fit-13 ta' Diċembru 2003 twieldet it-tifla li ngħatat l-isem "Sarah", u dan l-isem ġie reġistrat fl-att ta' twelid. Ftit wara, iżda, l-ġenituri ntebħu li t-tifla ma kinitx qiegħda tissejjaħ bl-isem pronunċjat kif xtaqu huma, u kien jiġri illi, minkejja l-insistenza tal-ġenituri, qrabathom kienu jippronunċjaw l-isem mhux kif kienu jixtiequ l-ġenituri. Għalhekk għażlu illi lit-tifla jsejħulha "Emma" u llum kulmin jafha hekk isejħilha.
Issa l-ġenituri qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-isem uffiċjali tat-tarbija għandu jkun dak li hi twieġeb għalih, li huwa “Emma” mhux “Sarah”;
2. tordna korrezzjoni fl-att ta’ twelid u fl-isem tat-tarbija kif miġjub fil-kolonna “*Ismijiet mogħtijin*” u “*Isem jew Ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa*”; u
3. subordinatament, tordna li flimkien ma’ l-isem “Sarah” fil-kolonna “*Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa*” jiżdied l-isem “Emma”; u
4. tagħti kull provvediment ieħor li jidhrilha xieraq.

Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż.

Il-konvenut ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:
1. ma jafx il-fatti mfissra fiċ-ċitazzjoni u għalhekk joqgħod għall-ġudizzju tal-qorti fuq il-provi;
2. l-attur għandhom ifissru t-tielet talba tagħhom għax tidher li tikkonfliġġi ma’ l-ewwel żewġ talbiet;
3. in-numru progressiv ta’ iskrizzjoni ta’ l-att ta’ twelid – li huwa 13 tas-sena 2004 – għandu jiġi speċifikat fit-talbiet;
4. għandha ssir il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif irid l-art. 254 tal-Kodiċi Ċivili – din il-pubblikazzjoni saret fil-ħarġa tat-28 t’Awissu 2007 tal-Gazzetta tal-Gvern;
5. f’kull każ it-tibdil mitlub fl-att ta’ twelid ma jaħtix għalih il-konvenut li għalhekk ma għandux ibati spejjeż.

B’nota tat-2 ta’ Marzu 2006 l-atturi fissru li l-qorti għandha tqis it-tielet talba tagħhom fil-każ biss li jkunu miċħuda l-ewwel żewġ talbiet. Fis-seduta tat-22 t’April 2008 il-konvenut stqarr illi ma jopponix għat-talbiet.

Il-qorti, wara li qieset illi x-xiehda turi illi t-tifla tassew twieġeb għall-isem “Emma”, u qieset ukoll l-istqarrija magħmula mill-konvenut fis-seduta tat-22 t’April 2008, tilqa’ l-ewwel żewġ talbiet ta’ l-attur u għalhekk tordna korrezzjoni fl-att ta’ twelid numru 13 ta’ l-2004 billi jitħassar l-isem “Sarah” u floku jidħol l-isem “Emma” fil-kolonna “*Ismijiet mogħtijin*” u fil-kolonna “*Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa*”. Ma tqisx it-tielet talba u tordna illi l-atturi jħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------